MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 126/2014

**CASSAR Lawrence**
**ID-318269-(M)**

**vs**

**TABONE Michael**
**ID-205981-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent l-ammont ta’elf u hamsin ewro (€1,050) skont l-iskrittura hawn annessa, datata 29 ta’ Novembru, 2012. Minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu permezz ta’ ittra legali datata 12 ta’ Frar, 2014, l-intimat baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill- attur is-somma ta' elf u hamsin ewro (€1,050.00). L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------